TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/488/11/S

Darren Sultana
Vs
Supercar Limited

Illum 1 ta'Frar,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Darren Sultanaypprezentata fil-21 ta'Novembru,2011 u r-risposta tas-socjeta Supercar Limited ipprezentata fis-27 ta'Marzu,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lill-partijiet;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilment fuq batterija tal-karozzi li xtara l-attur u li skont dan, qatt ma inghata l-garanzija bil-miktub taghha filwaqt li s-socjeta konvenuta cahdet dan u qajmet numru ta' eccezzjonijiet procedurali;

Illi jinghad mal-ewwel li t-Tribunal ghandu quddiemu verzjonijiet konfliggenti tal-partijiet;

Illi fir-rigward tal-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, din qed tigi skartata ghax fl-avviz tat-talba hemm imnizzel li l-attur qed jitlob li jinghata s-somma ta' €480 minghand is-socjeta konvenuta;

Illi anki t-tieni eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta qed tigi imwarrba stante li mhemmx ghalfejn li timtela' l-parti tal-lista tax-xhieda biex talba tkun valida partikolarment fi proceduri bhal dawn li suppost huma sommarji u mhux imxekkla bi procedura zejda;

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni dwar in-nuqqas tal-formalitajiet skont l-artikolu 79(1) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, ghalkemm l-attur ma segwiex dawn il-formolitajiet, huwa kien informa lis-socjeta konvenuta (wara trapass ta' xhur) meta l-batterija ma hadmitx iktar;

Illi mix-xhieda tal-attur, jirrizulta li kien biss wara sena u sebgha xhur li ilmenta fuq in-nuqqas ta' "charge" ghalkemm il-problema kienet mill-bidu;

Illi kieku l-problemi fil-batterija kienu mill-bidu, ma kellux ghalfejn jistenna daqstant xhur biex jiehu azzjoni;

Illi inoltre l-attur isostni li qatt ma inghata garanzija bil-miktub minghand is-socjeta konvenuta;
Illi hija responsabilita tal-konsumatur li jinsisti ghal garanzija kif inhu dritt tieghu u ma jmissux hallas ghal xi haga minghajr ma inghata garanzija;

Illi l-ilment dwar in-nuqqas ta' garanzija moghtija, setghet issir max-xiri;

Illi mill-provi li tressqu, it-Tribunal mhuwiex konvint li t-talba kif dedotta ghandha tigi milqugha u dan anki ghax l-attur ma rnexxilux jipprova l-kaz tieghu;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta Supercar Limited u Jichad it-talba ta' Darren Sultana, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu f'rati indaqs bejn il-partijiet.

Richard Sladden Av.
Arbitru